17 ta' Mejju, 1948

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Ass. Steward Joseph Vassallo**

**Sports — Football — Ksur tal-Bwon Ordni Publiku — Art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-bwon ordni, ossija l-kwiet publiku, jikkonsisti fl-opinjoni tas-sigurezza soċjali u fir-rispett tad-drittijiet u doveri ta' l-individwi di fronti għall-awtorità jew bejniethom. Kull att li jnaqqas dik l-opinjoni jġib vjolazzjoni ta' l-ordni publiku, apparti l-perpetrazzjoni ta' reat ieħor.*

*Fil-każ preżenti ġie ritenut ħati ta' dan ir-reat player li, waqt li kien qiegħed jieħu parti f'partita football, għamel xi ġesti li bihom seta' jipprovoka vjolazzjoni ta' l-ordni publiku billi jissuxxita ġlied.*

L-imsemmi Vassallo ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi fl-Empire Stadium, fl-ewwel ta' Frar 1948, waqt logħba football, kiser il-bwon ordni u l-kwiet publiku billi pprovoka n-nies li kien hemm;

Dik il-Qorti, bis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 1948, sabitu ħati u kkundannatu għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni;

Vassallo appella minn din is-sentenza;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti........... irriflettiet;

Dwar il-provi ma jidherx li hemm kwistjoni. L-imputat jilgħab bħala forward (inside right) mal-football-team tal-Belt. Fil-ġurnata fuq imsemmija dan it-team kien qiegħed jilgħab kontra t-team ta' tas-Sliema, u f'ċertu waqt, meta t-team tal-Belt kien skorja tliet goals u l-forward line tal-Belt kienet tie-

a' għal fuq il-goal-line ta' tas-Sliema, l-imputat, li kien ġà skorja wieħed mill-goals, kien qasam għal fuq ix-xellug bil-ballun f'sieqa. Dak il-ħin x'uħud mill-partitarji ta' tas-Sliema bdew igħajru lill-imputat, li, bħala risposta, waqt li qiegħed iddribilja l-ballun, ħareġ tlitt iswaba' u kompla tiela' bil-ballun, b'idu mbaxxa, iżda bit-tlitt iswaba' miftuħa u b'espressjoni ossija tbissima sarkastika—allużjoni evidenti għat-tliet goals skorjati kontra ta' tas-Sliema. L-ispettur Bencini u s-Surġent Grech jgħidu li l-ġest ta' l-imputat ipprovoka għajjat u protesta u korla min-naħa tal-partitarji ta' tas-Sliema;

L-imputazzjoni hi bażata fuq l-art. 352 (bb) Kap. 12, li jikkontempla fost il-kontravvenzjonijiet, l-att ta' min volontarjament jikser il-bwon ordni jew il-kwiet publiku;

Kif spjega awtorevolment il-Prim Imħallef Sir Adrian Dingli fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Gunju 1890, il-bwon ordni, ossija l-kwiet publiku, jikkonsisti fl-opinjoni tas-sikurezza soċjali u fir-rispett tad-drittijiet u doveri ta' l-individwi di fronti għall-awtorità jew bejniethom. Kull att li jneħħi jew inaqqas dik l-opinjoni tas-sikurezza publika jew individwali jġib vjolazzjoni ta' l-ordni publiku, apparti l-perpetrazzjoni ta' reat ieħor. Il-Kodiċi Kriminali — kompla jgħid l-insinji ġureconsult—jikkontjeni diversi artikoli fejn hu kontemplat ir-reat ta' vjolazzjoni tal-bwon ordni publiku—tant f'każijiet gravi kemm f'każijiet ljevi. Fl-inċiż 32 ta' l-art. 307 (il-lum l-inċiż (bb) art. 352 fuq imsemmi) hemm kompriżi "tutti i reati e tutti gli atti violenti commessi sotto circostanze atte nel tempo stesso a provocare, direttamente o indirettamente, ad altri reati contro le persone";

Issa, apparti l-konsiderazzjoni illi dak kollu li hu rakkjuż fil-konċett tal-kelma "sportsmanship", ma għandu qatt jippermetti li player jagħmel ġest simili, jekk li sport għandu jibqa', kif hemm bżonn li jibqa', fuq livell għoli, hu ċert illi l-ġest imprudenti ta' l-imputat kien tali li seta' jġib, direttament jew indirettament, għal vjolazzjoni ta' l-ordni publiku, billi jissuxxita ġlied. Il-fatt li dak il-mument kien hemm eċċitament generali, u li peress li l-logħob kien tiela' fuq il-goal ta' tas-Sliema kien naturali li jkun hemm is-solitu għajjat eċċitanti u eċċitat ta' l-ispettaturi, mhux talli ma jneħħi xejn mir-reat, imma anzi jixħet enfasi fuq dak li hu element tie-

ghu- jigifieri li l-att jeħloq il-possibilità ta' vjolazzjonijiet tal-liġi; għaliex hu loġiku li hu aktar faċili li l-ġest ta' l-imputat jipprovoka għal attijiet kontra l-liġi lil min ikun eċċitat milli lil min ikun relativament kalm. Fl-istat taċ-ċirkustanzi ta' dak il-mument—jiġifieri bit-team tal-Belt rebbieħ, u dipprjit bil-perikolu imminenti ta' goal ieħor, peress li l-forwards tal-Belt kienu telgħin għal fuq il-goal-line ta' tas-Sliema—kien faċili li l-att inkonsult ta' l-imputat ikun dak li l-ġuristi ingliżi jsejħu "constructive violation of the King's peace", billi kellu t-tendenza "to make others break it"; u dawn ikunu l-"actual violations" (ara Wharton's Law Lexicon—Breach of Peace);

Ankorkè veru li x'uħud mill-partitarji ta' tas-Sliema nsultaw lill-imputat, b'daqshekk ma jitneħħiex ir-reat; iżda hu l-każ li wieħed jieħu dik iċ-ċirkustanza in konsiderazzjoni tal-piena, kif evidentement għamel il-Maġistrat, li b'doża ta' ġenerożità ta lill-imputat l-anqas piena li hemm fil-Koliċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet;

Għalhekk is-sentenza appellata hi konfermata u l-appell miċħud.